# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMĦALLEF
## ONOR. ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-31 TA' JANNAR, 2023

**Kawża Numru: 2**

**Rik. Ġur. 55/2020 RGM**

**HSBC Bank Malta p.l.c (C3177)**

**vs.**

**Jean Paul Mifsud bħala debitur prinċipali u**

**Cynthia Grech bħala garanti solidali**

**Il-Qorti:**

1. Rat li b'rikors maħluf tas-17 ta' Jannar 2020 il-bank attur ppremetta li huwa ta diversi faċilitajiet bankarji lil konvenut Jean Paul Mifsud fejn il-konvenuta Cynthia Grech rabtet lilha nnifisha bħala garanti tad-dejn dovut mill-konvenut Mifsud. Il-bank fisser li huwa kemm-il darba sejjaħ lill-konvenuti biex iħallsuh l-ammont ta' €189,479.37 inkluż b'ittr uffiċjali tat-8 t'April, 2018.

2. Ġie preċiżat mill-bank attur illi s-somma ta' €189,479.37 hija maqsuma hekk: (a) €69,578.05 (€55,509.50 bilanċ fuq il-kapital u €14,068.55 imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Jannar 2020) konnessa ma' faċilita ta' self fis-somma oriġinali ta' €100,000 in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge datat 23 ta' Novembru 2010; (b) €5,664.30 (€5,332.50 bilanċ fuq il-kapital u €331.80 imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Jannar 2020) konnessa ma' faċilita ta' self fis-somma oriġinali ta' €100,000 in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge ta t-23 ta' Diċembru 2011; (ċ) €12,148.70 (€10,176.02 bilanċ fuq il-kapital u €1,972.68 imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Jannar 2020) konnessa ma' faċilita ta' self konċess permezz ta' *sanction letter* tal-4 t'Awwissu 2014 u segwiet b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge fit-12 ta' Novembru 2014[1]; (d) €11,785.03 (€10,000 bilanċ fuq il-kapital u €1,785.03 imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Jannar 2020) konnessa ma' faċilita ta' *overdraft* konċess permezz ta' *sanction letter* tal-4 t'Awwissu 2014; (e) €37,798.78 (€31,902.04 bilanċ fuq il-kapital u €5,896.74 imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Jannar 2020) konnessa ma' faċilita ta' *overdraft* in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge fit-13 ta' Mejju 2003 u ġie estiż permess ta' *sanction letter* tad-9 t'April 2003 u oħra tal-14 ta' Marzu 2007; (f) €36,519.64 (€30,964.43 bilanċ fuq il-

[1] Skont l-affidavit ta' Joseph Cordina li jinsab a fol 175 tal-proċess.

kapital u €5,555.21 imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta’ Jannar 2020) konnessa ma’ faċilita ta’ *overdraft* konċess permezz ta’ *sanction letter* tat-18 ta’ Jannar 2013; (ġ) €5,333.55 (€4,484.61 bilanċ fuq il-kapital u €848.94 imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta’ Jannar 2020) konnessa ma’ faċilita ta’ *overdraft* konċess permezz ta’ *sanction letter* tas-26 t’Ottubru 2001; (g) €10,651.32 (€7,896 bilanċ fuq il-kapital u €2,755.32 imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta’ Jannar 2020) konnessa ma’ faċilita ta’ *credit card* konċessa lil Mifsud wara applikazzjoni tal-5 ta’ Frar 2007. Barra minn dan l-ammont, il-bank attur jgħid li jrid jiġbor ukoll mingħand il-konvenuti l-imgħax legali ulterjuri mis-16 ta’ Jannar, 2020 sad-data tal-ħlas kollu tad-dejn.

3. Minkejja li l-konvenuti ġew mitluba jħallsu dan id-dejn tagħhom, dawn baqgħu ma ħallsuhx. Minħabba f’hekk, il-bank attur fetaħ din il-kawża u talab lil din il-qorti sabiex:

    i. “Tiddikjara li l-intimati huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta’ mija disgha u tmenin elf erba mija disgha u sebghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€189,479.37) dovuta in kwantu ghal mija sitta u hamsin elf mitejn hamsa u sittin Ewro u ghaxar centezmi (€156,265.10) bhala bilanc mill-kapital misluf lilhom u tlieta u tletin elf mitejn u erbatax-il Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€33,214.27) bhala imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta’ Jannar 2020;

    ii. Tikkundanna lill-istess intimati, solidalment bejniethom, iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma globali ta’ mija disgha u tmenin elf erba’ mija u disgha u sebghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€189,479.37) inkluz l-imghaxijiet legali ulterjuri kkalkolati mis-16 ta’ Jannar 2020 sal-effetiv pagament fuq is-somma globali a tenur tal-artikolu 1142, tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjeż, inklużi dak tal-ittri uffiċjali prezentati fit-8 ta' Mejju 2018 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' dan il-kawża u b'rizerva ghall-imghaxijiet legali ulterjuri kkalkolati mis-16 ta' Jannar 2020 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati li huma minn issa riġunti għas-subizzjoni."

4. Il-konvenuti ġew notifikati bir-rikors promotur u baqgħu ma ppreżentawx risposta ġuramentata, u kien għalhekk li l-Qorti fis-26 ta' Jannar 2021 iddikjarat li huma kontumaċi. Fit-2 ta' Ġunju 2021 il-konvenut Jean Paul Mifsud ippreżenta rikors għar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tas-26 ta' Jannar 2021 u sabiex tordna li n-notifika issir skont kif titlob il-liġi. B'risposta tal-15 ta' Ġunju 2021, il-Bank attur wara li għamel l-osservazzjonijiet tiegħu rimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti. Wara li ħadet kont tal-provi li tressqu dwar in-notifika u wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha għaddiet sabiex ċaħdet it-talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja b'digriet tat-30 ta' Novembru 2021[2].

5. Il-partijiet m'għamlu ebda sottomissjonijiet bil-kitba jew bil-fomm u ddikjaraw li qegħdin jirrimettu ruħhom għal provi. Il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Provi**

6. Il-bank ippreżenta l-affidavit ta' **Ruth Seychell** fejn spjegat li fuq medda ta' snin Jean Paul Mifsud ingħata diversi faċilitajiet iżda għal ħabta tal-2016 il-pagamenti waqgħu lura u waslu wkoll sabiex waqfu. Tirreferri għall-faċilita' mogħtija b'kuntratt tat-23 ta' Diċembru 2011 u li kienet tirreferri għal self ta' €100,000 ripagabbli b'pagament mensili ta' €1167.

[2] Fol. 171 tal-proċess.

Xhedet illi sa Frar 2016 il-pagamenti kienu regolari imbagħad waqfu għajr għal żewġ pagamenti li saru fix-xahar ta' Novembru 2017. Spjegat illi mis-sena 2018 'il quddiem il-konvenuti Mifsud u Grech ma affettwawx pagamenti.

7. Ġie ppreżentat ukoll mill-bank attur affidavit ta' **Joseph Cordina** fejn spjega li l-pagamenti mensili bejn ix-xahar ta' Frar u April 2016 bdew jaqgħu lura u għaddew sabiex waqfu kompletament. B'*sanction letter* tat-2 t'Awwissu 2016, Jean Paul Mifsud ġie avżat li l-faċilitajiet kollha kellhom jitħallsu fl-intier tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2017. Din l-imsemmija *sanction letter* baqgħet qatt ma ġiet iffirmata minn Jean Paul Mifsud. B'ittra tal-1 ta'Marzu 2017 il-konvenut Jean Paul Mifsud ġie informat li ġaladarba huwa naqas milli jħallas il-faċilitajiet il-Bank kien qiegħed jitlob li l-bilanċ jitħallas kollu sal-15 t'April 2017.

8. B'ittra tad-19 t'April 2017, il-konvenut Mifsud ġie informat din id-darba li l-ħlas tad-djun kellu jiġi effettwat sa mhux aktar tad mill-31 ta' Mejju 2017. Ix-xhud spjega li peress li ma kinux raw progress, b'ittra tat-3 ta' Lulju 2017 il-konvenut ġie informat li l-każ ġie mgħoddi lir-*recoveries unit* tal-bank attur. Fis-17 ta' Jannar 2020 ġiet istitwita l-kawża odjerna.

**Kontumaċja.**

9. Hija ġurisprudenza assodata illi l-kontumaċja għandha titqies mill-qorti bħala kontestazzjoni u mhux bħala ammissjoni; u għalhekk l-attur irid jipprova l-każ tiegħu anke meta l-konvenut bħal każ odjern huwa kontumaċi. (ara. **Maltacom vs Briffa** – Qorti tal-Appell - 13 ta' Marzu 2001). Pero' dan ma jfissirx illi l-kontumaċja ma għandha l-ebda effett fuq l-andament tal-proċeduri ġudizzjarji. Il-prova ta' l-attur ma ssirx la in kontestazzjoni ta' provi oħra prodotti mill-konvenut kontumaċi u lanqas b'kuntrast ma' eċċezzjonijiet għalkemm xorta jrid jipprova t-talbiet tiegħu u l-premessi għalihom (ara. **Edmond vs Mizzi** - Appell - 27 ta' Marzu, 1996).

**L-Azzjoni Attriċi.**

10. Din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu dovut lill-Bank attur bis-saħħa tal-kuntratti ta self u *overdrafts* u *sanction letters* fuq imsemmija lill-konvenut Jean Paul Mifsud filwaqt li Cynthia Grech daħlet bħala garanti solidali. Il-Bank attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ kollu tas-self, *overdraft* u *credit card* mogħtija lill-konvenut, inkluż l-imgħaxijiet, stante li l-konvenut ma żammx mal-obbligazzjonijiet li ntrabat bihom fil-kuntratti u *sanction letters* minħabba morozità fil-pagamenti.

Ikkunsidrat;

11. Fil-kuntratti ta' self li saru quddiem in-Nutar Roland Wadge u li ġew annessi mar-rikors promotur ġie dikjarat li: "*if the Bank declares by judicial letter that an event of default as listed in the document attached herewith and marked as document "E", has taken place, any sum outstanding to the Bank shall be immediately due and payable together with all charges and expenses* [...]". Waħda mill-eventwalitajiet imsemmija f'dokument E hija proprju s-segwenti: "(b) *any failure by the Borrower to pay any sum due whether of principal, interest, fees or charges, due by the Borrower under the deed of loan and/or sanction letter and in the manner stipulated in the deed of loan and/or sanction letter*". L-istess eventwalita hija inkluża wkoll fis-*sanction letters* maħruġa għas-self u tinsab ukoll f'uħud mill-*overdrafts.* Fl-unika kuntratt li ġie anness mar-rikors promotur fir-rigward t'*overdraft* jipprovdi li hemm qbil li "*bank shall be entitled at any time to call upon the customer and the surety to settle their indebtedness to the Bank and to pay the balance due in the customer's current account a simple request in writing to be deemed good and sufficient notice for the customer and the surety to implement their engagements forthwith.*" In oltre s-*sanction*

*letters* tal-2001[3] u 2003[4] li nħarġu għal faċilitijiet ta' *overdrafts* jipprovdu hekk "*if any event occurs or circumstance arises which, in the absolute discretion of the Bank, is deemed likely to affect the performance of all or any of the obligations under this sanction letter or the compliance with the terms thereof, then, or at any time thereafter, the Bank shall have the right to withdraw or cancel this sanction letter by giving you notice thereof by simple letter.*"

12. Apparti l-kuntratti u s-*sanction letters* li għalihom saret referenza aktar qabel, ġew eżebiti wkoll *statements* li juru l-bilanċi dovuti.[5]

13. Il-Qorti tqis illi ġie sodisfaċentement ippruvat mill-bank attur illi l-ammonti minnu reklamati f'din il-kawża jirrappreżentaw il-bilanċi dovuti fuq is-self u *overdrafts* kollha li saru mill-bank atturk lill-konvenut.

14. Ġie ampjament ippruvat illi l-konvenut waqaf iħallas l-pagamenti mensili sabiex iħallas lura s-self in kwistjoni u għalhekk ai termini tal-istess kuntratti u *sanction letters* tilef il-benefiċċju tat-terminu lilu konċess u l-bilanċi kollha llum jinsabu dovuti wara li l-bank interpella uffiċjalment lill-konvenuti b'ittra uffiċjali tat-8 ta' Mejju 2018.

15. Il-konvenuta Grech dehret bħala garanti solidali fuq il-kuntratt ta' self tat-23 ta' Novembru, 2010: "... the surety hereby constitutes hersefl joint and several surety together with the customer in favour of the Bank for all the obligations undertaken by the customer in virtue of this deed and the Customer and the surety jointly and severally between them hereby grant and constitute in favour of the Bank, which accepts, a General Hypothec over all their property in general, present and future over and

[3] Fol 83 et seq tal-proċess.
[4] Fol 56 et seq tal-proċess.
[5] Dok HSBC C (fol 19), Dok HSBC E (fol 24), Dok HSBC H (fol 53), Dok HDBC I , Dok HSBC L (fol 59), Dok HSBC O (fol 81), Dok HSBC P (fol 82).

above a Special Hypothec over their respective one half shares each of the house.................."[6] Dikjarazzjoni simili saret mill-konvenuta Grech fuq il-kuntratt ta' self tat-23 ta' Diċembru, 2011.[7] Kif ukoll fuq il-kuntratt ta' self tat-13 ta' Mejju 2003[8].

16. Skond **Artikolu 1925 tal-Kapitolu 16** tal-Liġijiet ta' Malta il-garanzija hija kuntratt li permezz tiegħu il-garanti jintrabat favur il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' ħaddieħor jekk din ta' l-aħħar tonqos. Il-garanzija ma hiex valida jekk ma ssirx bil-miktub.[9] Il-konvenuta Grech, qua garanti solidali, m'għandiex il-benefiċju tal-eskussjoni.[10]

17. Għalhekk il-Qorti tqis illi l-bank attur ipprova sodisfaċentement illi l-konvenuta Grech hija garanti solidali mad-debitur prinċipali l-konvenut Mifsud bil-konsegwenza illi l-kundanna tal-ħlas ser tkun b'mod solidali fuq iż-żewġ konvenuti.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi fil-kontumaċja tal-konvenuti,

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' mija disgħa u tmenin elf, erba' mija disgħa u sebgħin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€189,479.37) dovuta in kwantu għal mija sitta u ħamsin elf mitejn ħamsa u sittin Ewro u għaxar ċenteżmi (€156,265.10) bħala bilanċ mill-kapital misluf kif fuq spjegat filwaqt li s-somma ta' tlieta u tletin elf

[6] Kuntratt ta' Self tat-23 ta' Novembru, 2010 in atti Nutar Dr Roland John Wadge (fol. 9).
[7] Kopja a fol. 21
[8] Kopja a fol. 54
[9] Art. 1233 (1)(ċ) Kap 16; ara **Claude Zammit et. vs. Saviour Micallef** - Appell Superjuri - 25 ta' Jannar, 2023
[10] Art. 1935 Kap. 16

mitejn u erbatax-il Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€33,214.27) tirrapreżenta l-imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Jannar 2020;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi, tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom iħallsu lill-Bank attur is-somma imsemmija ta' mija disgħa u tmenin elf, erba' mija u disgħa u sebgħin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€189,479.37) flimkien mal-imgħaxijiet legali mis-16 ta' Jannar 2020 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti in solidum bejniethom inkluż dawk taż-żewġ ittri uffiċjali t-tnejn datati 8 ta' Mejju 2018 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mal-kawża.

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
31 ta' Jannar 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**